MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1868/2004

**APA Import/Export**

**vs**

**Myton Drive Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u disgha u disghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm1499.67) premess illi l-atturi kienu jfornu diversi merkanzija lill-konvenut (statement market Dok.APR1);**
**Illi din il-merkanzija kienet mibjugha fuq bazi "wholesale", peress illi l-konvenut huwa negozjant;**

**Illi l-ammont dovut ilu zmien twil dovut, u minkejja diversi nterpellanzi l-konvenut baqa' nadempjenti;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u erba' mija u disgha u disghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm1499.67), bl-imghax mid-data tal-konsenja u l-ispejjez.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-9 ta' Novembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf u erba' mija u disgha u disghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm1499.67) bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Gunju, 2004, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------